# MILL-GHAR GHAD-DAR

Minn Dr. Charles Cassar, M.D.

Jinstabu bosta gherien, f'Malta u Ghawdex, imxerrdin l-hawn u l-hemm, il-bicca l-kbira tahs sisien gholjin. L-gherien, jew kennijiet, ghal-bosta snin, swew biex l-ewwel nies li zaru il-gzejjer taghna marru jghixu fihom, u swew ukoll bhala oqbra.

Jekk niflu wiehed minn dawn l-gherien, naslu biex naraw kif kienu jghixu n-nies tal-qedem, f'dawn it-toqob kbar fil-blat, minghir ilqugh minn barra. F'bosta minn dawn l-gherien, gie li kienu jghixu aktar minn familja wahda, u maghhom kienu jdahhlu l-bhejjem ukoll.

Naraw f'dawn il-postijiet, il-maqghad ta l-irqad, jew blat daqsxejn gholi aktar mill-art, fejn fuq dan nahseb li kienu jqeghdu xi tiben; jew xi bicca blata l-gewwa mill-ghar, li hija mielsa hafna, jqeghdu l-qasbija, bit-tiben fuqha mqatta zghir.

Ta' qabilna, f'dawn l-gherien kienu jitwieldu u jmutu. Gherien kbar, bhal ma hemm Ta' Zuta, limiti tas-Siggiewi, jew bhal ta' l-Imtahleb, kienu joqghodu fihom, jew familja numeruza bil-bhejjem b'kollox, jew meta wiehed mill-familja jizzewweg jibqa mal-missie u l-omm. Ghalhekk insibu, kultant, dawn l-gherien maqsuma minn gewwa, bil-gebel. Instabu wkoll f'dawn l-gherien, xi rkejjen l-hawn u l-hemm, imgermda , fejn kienu jsajru meta ma kienux jistghu joharqu waqt xita. Illum dawn l-gherien ghadhom hemm, u f'xi uhud minnhom ghadhom joqghodu nnies, bhal Ta' Zuta. Izda daz-zmien dawn l-gherien gew mirquma bil-hitan minn gewwa u minn barra, u tiskanta daz-zmien tisma minnhom hierga l-muzika, jekk mhux ukoll mghammrin mit-televizjoni. L-gherien il-kbar gew irrangati u mniffdin, u l-bhejjem jinzammu go ghar fil-genb.

Mal-mixja l-quddiem tac-civilizzazzjoni, il-gzejjer taghna bdew hergin bil-mod il-mod mill-uzu ta' dawn l-gherien, ghall imkejjem ahjar. Ghall-ewwel bdew jibnu ghorof b'gebel mhux mahdum, u zghir, imkahhal bit-tajn, bil-ghamla ckejkna u rett-angolari, b'saqaf karatteristiku ghall-Malta. Is-saqaf kien maghmul minn xorok tal-qasba, Taht ix-xorok mit-tul, kien jitqghied il-pastas, u fuq il-bejt kien ikun maghmul mit-torba mballta, u fuq din kisja gir, porcellana u deffun, imballat bil-marzebba.

Dawn l-ghorof illum qed imorru, izda ghad fadal xi wahdiet l-hemm u l-hawn fl-irhula. Dawn l-ghorof, kien ikollhom ukoll l-art, imballta bit-torba.

L-ghamara kienet interessanti hafna. Is-senduq kien iservi ghall-hazna tal-praken u l-lozor tan-newl.

Illum qed nghixu fi djar xort-ohra minn dawk ta' l-imghoddi. Xejn gherien, izda djar sbieh; bl-edukazzjoni li tah in-nazzjon, il-bniedem qed jghix ta' bniedem, u l-bhejjem imwarrbin ghalihom kif titlob l-igjene.

Ahna l-Maltin nghinu ruhna, u ghal-grazzja t'Alla dejjem sibna min imexxina l-quddiem, u ghalhekk f'dan is-seklu ghoxrin se nkunu rfajna rasna u giehna, hallejna l-ghar, u llum darna saret p alazz. Dan kollu juri li 'n-nazzjon staghna, u l-fqir ghandu min jahseb fih, mertu kollu ta' dawk li mexxew in-nazzjon, biex dan il-faqar imur minn pajjizna, u l-bniedem b'hekk ha id-dinjita' teighu.

-.-.-.-.-.-.-.-.-.-.-.-